# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU!**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA, FRN 1441**
**TEL: 21222239/21237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email:** infosheet@akmalta.org

**APRIL 2010** **NUMRU 253**

## MADWARNA

**Tifkira tal-100 sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Azzopardi -** Bħala parti mill-attivitajiet biex jitfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Azzopardi fil-5 t'April 2010 ġewwa l-Ministeru tal-Politika Soċjali f'Għawdex se tinfetaħ esibizzjoni dwar dan is-saċerdot li kellu rabta kbira mal-A.K.M. Nistieden lill-membri tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex biex iżuru din l-esibizzjoni.

**Servizz Penitenzjali -** Infakkarkom li l-A.K.M., bis-sehem tal-frieġħi kollha, se tmexxi Servizz Penitenzjali għal kulħadd is-Sibt 17 t'April, wara li l-Papa jitlaq mill-Palazz, fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt. Il-ħsieb huwa li jkun hemm numru kbir ta' nies li jersqu għas-sagrament tal-qrar. Ħossukom fid-dmir li tattendu.

**Żjara tal-Q.T. il-Papa f'Malta -** Nappella lill-membri kollha tal-AKM, żgħażagħ kif ukoll adulti, biex jipparteċipaw b'mod sħiħ u numeruż fl-attivitajiet marbuta mal-programm taż-żjara tal-Papa fostna. Il-preżenza tagħna tkompli turi kemm aħna ħaġa waħda mal-Knisja u mal-Papa ir-Ragħaj Tagħna.

**"Jekk ma titlobx ma taqlax" -** Grazzi mill-qalb liċ-ċirkoli li qed iwieġbu għall-appell tiegħi u offrew donazzjoni biex inkopru xi ftit mill-ispejjeż kbar li għandha l-amministrazzjoni. Iċ-ċirkolu tan-Nisa taż-Żejtun ġentilment offra € 150.00. Inħeġġeġ ċirkoli oħrajn kif ukoll il-gruppi taż-ŻAK biex jimxu fuq dan l-eżempju.

**Nużaw ir-riżorsi li għandna -** Waqt l-Iskola tal-Appostolat kien qed jinħass sew in-nuqqas ta' siġġijiet f'Sala Mons Dandria. Fuq talba li għamilt lill-irġiel tal-Lega tal-Ħamrun S.G., li issa ingħaqdu bħala ċirkolu wieħed man-nisa u x-xebbiet tal-istess parroċċa, żidna għoxrin siġġu. Grazzi ħafna tal-appoġġ u b'hekk qed nużaw aħjar ir-riżorsi li għandna.

**50 Anniversarju tal-Istitut Kattoliku -** Id-Direzzjoni tal-Istitut Kattoliku se tfakkar il-50 Sena ta' ħajja u ħidma minn meta f'Mejju tal-1960 l-Istitut Kattoliku fetaħ il-bibien tiegħu. Ġie mħejji Programm ta' attivitajiet matul din is-sena li jilħqu l-qofol tagħhom fit-28 ta' Mejju b'Kunċert Kommemorattiv mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, solisti u kor.

Carmen Agius
President Ġenerali

## Attivitajiet għax-Xahar ta' April 2010

| | | |
|---|---|---|
| L-Erbgħa 7 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 8 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| Il-Ġimgħa 9-L-Erbgħa 14 | Ż.A.K. | EuroCourse ġewwa l-Litwanja. Erba' parteċipanti Maltin se jieħdu sehem f'dan il-kors. |
| Is-Sibt 10 | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa ta' talb u divertiment għall-anzjani, morda u persuni bi bżonnijiet speċjali mill-17:00 'l quddiem fis-sala tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet fil-Kulleġġ Sta. Tereża, Mrieħel. |
| Il-Ħadd 11 | Ż.A.K. | Quddiesa b'differenza fis-18:00 organizzata miż-Ż.A.K. bħala preparazzjoni għall-miġja tal-Papa. |
| L-Erbgħa 14 | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa tal-Eżekuttiv fl-Istitut Kattoliku, Floriana fis-18:00. |
| Il-Ħamis 15 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat f'Sala Dandria Istitut Kattoliku, Floriana fid-9:30. |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| | Direttorju Ġenerali | Direttorju u Entita' fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ġimgħa 23 | Ż.A.K. | Monkey See, Monkey Do – Attivita' għall-membri taż-Ż.A.K. li twieldu bejn 1995 u 1997. |
| Il-Ħadd 25 | Ż.A.K. | Laqgħa fil-17:00 għal dawk kollha 20+ fiż-Ż.A.K. – Planning għall-futur taż-Ż.A.K. |
| L-Erbgħa 28 | Fergħa Nisa | Festa ta' Santa Katerina f'San Antonio Hotel, Bugibba fid -9:15. |

--------------------------

**Kummissjoni Koppji Miżżewġin**

Nixtiequ lil President Ms Carmen Agius, lil Father Paul Chetcuti S.J. u lill-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika Għid mimli bil-FERĦ u l-PAĊI li ġab miegħu l-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu'. Inħarsu 'l quddiem b'ottimizmu kbir. B'hekk insarrfu t-tbatija u s-saġrifiċċji li ġemmajna fir-Randan Imqaddes f'Qawwa u Tama kbira fil-Mulej. Kurraġġ. Ikun Imfaħħar Ġesu' Kristu.

**AVVIŻ IMPORTANTI**

**Il-laqgħa li kellha ssir fl-Istitut Kattoliku**
**għad-Delegati Romol u Presidenti,**
**nhar it-Tnejn 5 t'April 2010 ġiet posposta.**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITA'

Il-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'diżabilita' qed taħdem id f'id mal-Kurja tal-Arċisqof fil-programm ta' katekeżi bi tħejjija għaż-żjara tal-Q.T il-Papa f'Malta. L-attivitajiet huma:

- Sett ta' 4 kartolini b'messaġġ u intenzjoni għat-talb li se jitqassmu lill-morda u persuni b'diżabilita' fid-djar privati u fir-residenzi tal-Knisja u tal-Istat.
- 4 Ġimgħat ta' rokna ddedikati għal din il-katekeżi fil-programm SOLIDARJETÀ li jixxandar kull nhar ta' Ħadd bejn is-19:15 u t-19:45 fuq Radju Malta (21 ta' Marzu sal-14 ta' April) Id-Dati għax-xahar ta' April huma :- 4, 11, 18 u 25.
- Laqgħa ta' talb u divertiment għall-anzjani, morda u persuni bi bżonnijiet speċjali li tkun il-quċċata tal-katekeżi. Din se ssir nhar is-Sibt 10 ta' April mill-17:00 'l-quddiem fis-sala tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet fil-Kulleġġ ta' Santa Tereża, Imrieħel.
- Artikli speċjali fil-ħarġa ta' April-Ġunju tar-rivista FARAĠ li jagħtu tagħrif dwar il-Papa u ċ-ċelebrazzjoni tal-1950 sena mill-miġja ta' San Pawl f'Malta.

Kull minn jixtieq joffri daqqa t'id f'din il-ħidma, speċjalment min isuq u jixtieq iwassal xi persuni bi bżonnijiet speċjali, hu mitlub jikkuntattja lis-Segretarja jew b'email fuq happylark.maria@gmail.com jew iċemplilha fuq tel: 21445868 jew mob 99282974. Kull għajnuna tkun apprezzata mill-membri tal-Kummissjoni, imma wisq aktar mill-Mulej. Grazzi minn qalbna.

---

**Fergha Xebbiet Adulti -** April se jkun xahar speċjali għalina lkoll, nitolbu biex il-preżenza tal-Papa Benedittu XVI tħalli ħafna frott fostna.
NAWGURAW LIL XULXIN L-GĦID IT-TAJJEB

## SKOLA TAL-APPOSTOLAT

Nhar il- Ħamis 15 ta'April 2010
Fid-9:30.

F'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana..

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 2010

Għal darb'oħra is-Segretarjat Assistenza Soċjali (SAS) tal-Azzjoni Kattolika qed jorganizza l-'ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU' fl-Arċidjoċesi ta' Malta bejn id-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira, jiġifieri bejn is-26 ta' Marzu u t-2 ta' April 2010. Din l-attivita' għandha l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.

It-tema magħżula għal din is-sena hi:

## MA NDAWRUX WIĊĊNA GĦALL–BNIEDEM FIL-BŻONN

In-nisrani li hu konvint fil-mixja tiegħu jasal biex jorbot il-fidi u l-ispirtwalita' tiegħu mal-interess ġenwin f'ħaddieħor speċjalment ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta'. Għalhekk ma nistgħux inkunu nsara tajba u fl-istess ħin indifferenti għat-tbatijiet ta' ħaddieħor.

Mons. Isqof Awżiljarju joħroġ ukoll ċirkolari dwar din l-attivita' fejn jiġi spjegat l-iskop tagħha u fl-istess ħin jinforma lill-Kappillani u Retturi tal-Knejjes dwar il-ġabra li ssir waqt il-"Ġimgħa ta' Saġrifiċċju''. Is-SAS jibgħat ukoll numru ta' appelli fid-djar tal-benefatturi tiegħu.

Is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika kompla żviluppa l-ħidma tiegħu biex illum barra għajnuna materjali b'mod dirett lill-familji fil-bżonn, jgħin permezz tas-*Social Workers* biex l-istess persuni jaslu jużaw il-potenzjal tagħhom għal-ġid tagħhom stess. Jiġifieri ma jibqgħux dipendenti fuq ħaddieħor u għalhekk jikbru f'dik li hi stima personali.

Din il-ħidma u servizzi oħra bħal ħruġ bil-Minibuses lill-anzjani u persuni b'diżabilita' permezz ta' tliet Minibuses bit-*taillift,* li s-SAS għandu, jistgħu jsiru għax hemm dejjem il-ġenerożita' tal-poplu Malti.

------------------

**Riżultati tat-Tlugħ tal-Lotterija b'risq il-Minibuses**:
Biljett Numru 6414 – AK Msida
Biljett Numru 6763 – AK Naxxar
Biljett Numru 4350 – Ċen. Anz. Ħamrun Kunċizzjoni

### *Servizz bil-Minibuses*

***Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunita'***

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.




**Programm taż- Żjara Pastorali tal-Papa Benedittu XVI f'Malta**

**Is-Sibt, 17 ta' April, 2010**

5.00 p.m. Ċerimonja tal-wasla fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Luqa.

5.45 p.m. Il-Papa jħalli l-Ajruport fi triqtu lejn il-Belt Valletta. Il-poplu jsellem lill-Papa fit-toroq minn fejn ikun għaddej.

6.15 p.m. Żjara ta' kortesija lill-President tar-Repubblika u l-ogħla Awtoritajiet tal-iStat fil-Palazz, il-Belt. It-tfal jilqgħu lill-Papa fi Pjazza San Ġorġ.

7.15 p.m. Il-Papa jħalli l-Palazz tal-President fi triqtu lejn ir-Rabat. Il-poplu jsellem lill-Papa fit-toroq minn fejn ikun għaddej.

7.45 p.m. Żjara fil-Grotta ta' San Pawl, ir-Rabat. Il-Papa jsellem lill-poplu fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Pawl.

**Il-Ħadd, 18 ta' April, 2010**

9.15 a.m. Il-Papa jħalli n-Nunzjatura Appostolika fi triqtu lejn il-Furjana.

10.00 a.m. Quddiesa Pontifikali fuq il-Fosos tal-Furjana. Il-Papa jindirizza lill-poplu Malti u Għawdxi u jirreċita t-talba tar-*Regina Coeli* fi tmiem i`-`elebrazzjoni.

4.00 p.m. Il-Papa jħalli n-Nunzjatura Appostolika fi triqtu lejn il-Kalkara. Il-poplu jsellem lill-Papa fit-toroq minn fejn ikun għaddej.

4.45 p.m. Vjaġġ bil-baħar fil-Port il-Kbir, mix-xatt tal-Kalkara lejn il-Valletta Waterfront.

5.15 p.m. Laqgħa maż-żgħażagħ fil-Valletta Waterfront. Il-Papa jindirizza liż-żgħażagħ.

6.15 p.m. Il-Papa jħalli l-Valletta Waterfront fi triqtu lejn l-Ajruport. Il-poplu jsellem lill-Papa fit-toroq minn fejn ikun għaddej.

6.40 p.m. Ċerimonja tat-tluq mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

7.10 p.m. Il-Papa jħalli Malta għal Ruma.



Azzjoni Kattolika Maltija

Żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa

***SERVIZZ PENITENZJALI***

***Is-Sibt 17 t'April 2010***

Knisja ta' San Franġisk

**Triq ir-Repubblika, Valletta**

**Mis-19:15 sat-20:30**

**KULĦADD MISTIEDEN**

**EJJEW INTOM U ĦEĠĠU OĦRAJN BIEX JIĠU MAGĦKOM**

-------------------------------

***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***Post wieħed għandek tmur***
***fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku – Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'***



***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa –***
***mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar u***
***mill-4.00 sas 7.30 ta' filgħaxija,***
***is-Sibt – filgħodu biss***



***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

# Kummissjoni Fund-Raising

Ikla/Buffet
Nhar il-Ħadd 25 ta' April 2010 fil-Portofino Restaurant, Xemxija.
minn 12:30 għas-13:00

Wara waqfa fi żmien ir-Randan, issa sejrin nerġgħu nibdew l-attivita' tas-soltu jiġifieri b'xi ikla tajba.

Fuq talba ġenerali sejrin inżommu dan l-appuntament għal nhar il-Ħadd 25 ta' April 2010, fil-Portofino Restaurant, Xemxija. Wara l-attivita' li diġa' għamilna f'din il-Lukanda ħafna talbuna biex nerġgħu mmorru f'dan il-post fejn sibna servizz, kwalita' u kwantita' ta' ikel tajjeb ħafna. Nisperaw li jkollna numru kbir bħal l-aħħar darba. Biex ma jkunx hemm diżappunti intom imħeġġa biex taħsbu kmieni għal *booking* u ma tħallux għal aħħar għax il-postijiet huma limitati.

## MENU

Antipasto

~ ~ ~

Minestrone Soup

Penne Carbonara

Lasagne

~ ~ ~

Wide Variety of salads from the Salad Table

Roast Chicken in Rich Gravy

Fish of the Day - Cerna cooked to perfection

Roast Pork with Mustard and Dill

~ ~ ~

Sirloin Steak in Mushroom Sauce

~ ~ ~

Parsley Seasoned Boiled Potatoes

Boiled Baby carrots and French Beans

~ ~ ~

A Choice of Dessert from the Sweet Table

~ ~ ~

One Glass of Wine **Or** One Glass of Soft Drink

Bħas soltu l-kitba ssir fis-Segreterija tal-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ħamis 22 ta' April – Tel 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mejda tixtiequ toqgħodu għal ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo – Tel 21221931. Prezz: Kbar €15.00 - Tfal €7.00